

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva fis-sistema legali interna skada fl-20 ta' Ottubru 2007.

(<sup>1</sup>) ĠU L 255, 30.9.2005.

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2008 —  
Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika  
ta' Ċipru**

(Kawża C-466/08)

(2008/C 327/36)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Karanasu-Apostolopulu u H. Stølbæk)

Konvenuta: Ir-Repubblika ta' Ċipru

**Talbiet**

- tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/36/KE (<sup>1</sup>) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali, jew, f'kull każ, li ma kkomunikatx dawn d-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika ta' Ċipru naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.
- tikkundanna lir-Repubblika ta' Ċipru għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva fis-sistema legali interna skada fl-20 ta' Ottubru 2007.

(<sup>1</sup>) ĠU L 255, 30.9.2005.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākās  
tiesas Senāta Administratīvo lietu departaments  
(ir-Repubblika tal-Latvja) fl-4 ta' Novembru 2008 —  
Alstom Power Hydro vs Valsts ieņēmumu dienests**

(Kawża C-472/08)

(2008/C 327/37)

Lingwa tal-kawża: Il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Augstākās tiesas Senāta Administratīvo lietu departaments

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Alstom Power Hydro

Konvenut: Valsts ieņēmumu dienests

**Domandi preliminari**

L-Artikolu 18(4) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi li Stat jipprovi fil-leġiżlazzjoni tiegħu terminu ta' tliet snin għall-preskrizzjoni tad-dritt li jinkiseb ir-rimbors ta' ħlas żejjeċ tat-taxxa fuq il-valur miżjur (id-differenza bejn it-taxxa kkalkulata u l-akkont ta' taxxa mħallsa)?

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ottu-  
bru 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal  
administratif — Il-Lussemburgu) — Miloud Rimoumi,  
Gabrielle Suzanne Marie Prick vs Ministre des Affaires  
étrangères et de l'Immigration**

(Kawża C-276/08) (<sup>1</sup>)

(2008/C 327/38)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 236, 13.9.2008.